MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 699/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Alexander Chircop**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander Chircop detentur tal-karta tal-identita` numru 256048 (M).

Akkuzat talli:
B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli zminijiet qabel is-7 ta' April, 2005 mill-fond numru 92 sitwat fi Triq Ghajn Dwieli Rahal Gdid ikkommetta serq ta' aktar minn 2329.37 Euro liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali a fol 72 tal-process fejn dawn huma:
1. Artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Artikoli 49, 50 tal-Kap 9;
3. Artikoli 261, 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 283 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Artikoli 326 (c) u 326 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-proceduri jitkomplew bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu is-segwenti:

Illi l-pulizija irceviet kwerela minghand l-Enemalta li kienu qed jallegaw li kien hemm manomissjoni ta’ xi *meter* tad-dawl minn terzi. Minn investigazzjonijiet ulterjuri, il-pulizija irrilevat illi meta accedew fuq il-post 92 Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, sabu il-*meter* tad-dawl mbaghbas fis-sens illi kienu sabuh minghajr sigilli u x’hin fethu l-*cover* tal-arlogg kienu nstabu diversi bicciet tat-tertuqa fih.

Il-kwerela tal-Enemalta kienet fis-sens illi l-istima tad-dawl misruq kien jammonta ghal madwar tliet elef, seba’ mija u sitta u tletin ewro (EUR 3,736) mill-perjodu tat-tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn (2000) sas-sebgha (7) ta’ April tas-sena elfejn u hamsa (2005) .
Illi l-persuna registrata bhala l-konsumatur f’dak il-post kien Alexander Chirchop u ghalhekk hargu l-akkuzi kontrih.

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Enemalta Alan Chetcuti fejn fost l-ohrajn ikkonferma il-kwerela esebita in atti u mmarkati bhala Dok SZ 4.

Rat il-verbal tat-tnax (12) ta’ Marzu 2012 fejn ix-xhud Mary Chircop ddikjarat li ma tixtieqx tixhed fil-konfront ta’ zewgha l-imputat.

Rat ukoll kuntratt ta’ separazzjoni esebit mid-difiza u mmarkat AC 1 datat l-ewwel (1) ta’ Gunju elf disa’ mija u disghin (1990) fejn gie stabbilit illi l-imputat u martu Mary kienu ilhom separati legalment sa minn din is-sena u fi klawzola numru hamsa (5) jidher illi l-fond mertu tal-proceduri odjerni kien fil-pussess ewlieni ta’ mart l-imputat u cioe` Mary Chircop u ghaldaqstant l-imputat ma kellux il-pussess u ma kienx jabita f’dan il-fond fid-data imsemmija fil-kwerela tal-Enemalta.
Dan jikkombacja perfettament mal-verzjoni li tat l-istess Mary Chircop illi dawn kienu ilhom separati legalment u li ma kienitx taf ezattament fejn kienet l-abitazzjoni ta’ zewgha l-imputat. Ghaldaqstant, l-akkuzi hekk kif mahruga mill-prosekuzzjoni jaqghu.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 533, 49, 50, 261, 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 283, 326 (c) u 326 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhux qed issib hati lill-imputat Alexander Chricop tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------